**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur u l-kandidat.

Kull kandidat jingħata tliet temi għad-diskussjoni u l-kandidati jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidat ma jkunx jaf x'se jaqbad jgħid, l-eżaminatur għandu jgħinu jesprimi ruħu fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsih xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuh ikompli jiddiskuti s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminatur għandu joqgħod attent li ma jispiċċax jitkellem hu biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn qegħdin bħala gwida għall-eżaminatur biss u għalhekk, l-eżaminatur jista' jvarja kemm irid billi jżid u jnaqqas kemm jogħġbu, u jibda minn fejn irid.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminatur għandu jibbaża l-marka tiegħu fuq:

a. **L-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika (4 marki)**

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/suġġett

b. **L-espressjoni (6 marki)**

- l-użu tal-Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATUR

## 1. L-Indħil tal-Ġenituri

- Trid tiddistingwi bejn tfal, żgħażagħ u adulti: mat-tfal hu obbligu sagrosant, maż-żgħażagħ u l-adulti ħaġa oħra
- Kwistjoni ta' mentalitajiet
- Kawża ta' ħafna inkwiet
- Il-ġenituri jistgħu jagħtu pariri mill-esperjenza
- Meta l-ulied jiżżewġu, il-ġenituri għandhom jibqgħu "jindaħlu"?

## 2. Il-Mistrieħ

- Il-bniedem mhux magna (anke magna trid isserraħha)
- Metodi diversi kif tista' tistrieħ – irqad, bidla fir-rutina, safar...
- Il-vantaġġi tal-mistrieħ – irodd lura l-enerġija meħtieġa għas-saħħa...
- Is-serħan tal-moħħ u s-serħan tal-ġisem
- X'inhi d-differenza bejn li tistrieħ u li titgħażżen?

## 3. L-Inċidenti tat-Traffiku f'Malta

- Xi jwassal għal tant inċidenti?
- Min joħloq l-aktar inċidenti – iż-żgħażagħ jew l-adulti?
- L-importanza tar-regolamenti u s-sinjali tat-traffiku
- Il-kameras kemm qed jgħinu biex jitnaqqsu l-inċidenti?
- Edukazzjoni dwar is-sens ta' responsabilità mis-sewwieqa

## 4. L-Importanza ta' Ikel Tajjeb u Bnin

- Kemm jieklu tajjeb il-Maltin u x'tip ta' ikel jieklu
- L-importanza ta' dieta bilanċjata
- X'inhu l-aħjar – l-ikel tad-dar jew ta' barra?
- L-effett tal-ħajja mgħaġġla fuq it-tip ta' ikel li nieklu
- Edukazzjoni fost it-tfal biex jidraw jieklu ikel tajjeb sa minn ċkunithom

## 5. Is-Sehem Tiegħi Favur il-Paċi

- Għaliex jeżistu l-gwerer?
- Tipi differenti ta' paċi – il-paċi tal-qalb, il-paċi fil-familja, fost il-ġnus...
- Il-paċi bis-saħħa tal-kliem u tal-għemil
- L-għaqdiet favur il-paċi
- Int x'qed tagħmel/x'tista' tagħmel biex iġġib il-paċi?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-INDĦIL TAL-ĠENITURI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-MISTRIEĦ

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/Ik.12s

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU F'MALTA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Ik.12s**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-IMPORTANZA TA' IKEL TAJJEB U BNIN

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# IS-SEHEM TIEGĦI FAVUR IL-PAĊI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/I.12s

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 4 ta' Settembru 2012 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12:00 p.m. |

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

1. IL-KOMPONIMENT (15-il marka)

*Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:*

a. Is-saħħa m'hemmx prezzha.

b. L-ebda bniedem ma jista' jgħix waħdu.

ċ. Iż-żgħożija żmien ta' kunflitti?

d. Il-kastig jista' jibdel lill-bniedem.

e. L-effetti tal-aħbarijiet fuq is-soċjetà.

f. Il-kittieb ma jmut qatt.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

2. IT-TAQSIRA (5 marki)

*Qassar din is-silta fi kliemek f'madwar mitt (100) kelma:*

Il-ġustizzja tista' tkun ta' żewġ għamliet. Jekk għemil ikun tajjeb jiġi ppremjat u jekk għemil ikun ħażin jiġi kkastigat. Meta hemm fin-nofs id-dritt ta' ħaddieħor għall-premju tax-xogħol tiegħu jew inkella d-dritt tiegħu għall-ħajja, dak li jċaħħad minn dan id-dritt ikun tabilħaqq bniedem inġust; imma meta mbagħad tintalab ġustizzja għall-għemil ħażin, wieħed jista' jkun inġust jekk dan il-kastig ma jagħtihx. Imma l-ġustizzja tista' tittaffa bil-ħniena li tnaqqas il-konsegwenzi tal-ġustizzja meta dawn ikunu ħorox.

B'danakollu, ħafna huma dawk li juru ħniena falza. Dawn huma dawk li juru ħniena għall-ħati mingħajr ma juru ħniena għall-vittma tal-ħati. Jekk taf li bniedem mhux tajjeb għat-tmexxija ta' biċċa xogħol u tagħlaq għajnejk biex ma tagħmillux ħsara, int, mingħajr ma tkun taf, tkun qed tagħmel ħsara mhux lil persuna waħda, imma lil ħafna nies – tfejjaq ħati u tweġġa' ħafna bla ħtija, u dan mhux sewwa. Dan qed ngħidu għax ħafna jagħlqu għajnejhom għall-abbużi biex lil dak li jkun ma jagħmlulux ħsara, u waqt li jgħattu lil wieħed ikunu b'għamilhom, bil-ħniena tagħhom falza, qed jagħmlu ħsara lil min ma ħaqqux.

Daqskemm hi kerha l-inġustizzja daqshekk ieħor hija sabiħa l-ġustizzja. U jekk hawn bniedem li għandna naqilgħulu l-kappell bil-qima li nagħtu lis-slaten, dan huwa l-bniedem ġust, xbieha ta' Alla nnifsu, li hu x-xemx tal-ġustizzja. F'din id-dinja l-ġust jagħmel għedewwa aktar milli jrid, għax biex tkun ġust trid iddawwar wiċċek, ħalli ma tintrebaħx min-nies inġusti.

Mhux għalxejn li l-papiet iħaqqu li jekk irridu jkollna l-paċi fis-soċjetà u fid-dinja, jeħtieġ illi nitħabtu għall-ġustizzja soċjali – ġustizzja f'kollox ma' kulħadd u kullimkien. Is-sens ta' ġustizzja huwa fih innifsu istint tal-bniedem tajjeb, bħall-irġulija; imma mbagħad is-soċjetà saret hekk komplikata li biex tkun ġust, minbarra n-natural tajjeb, irid ikollok ġabra ta' prinċipji soċjali sodi maħżuna f'qalbek u f'moħħok.

Imbierek il-bniedem ġust għax igawdi frott għemilu u msejken il-bniedem inġust għax iġib il-kundanna fuqu nnifsu.

(Addattata mill-esej "Ġustizzja" ta' Ġużè Aquilina)

3. IL-LINGWISTIKA MALTIJA (10 marki)

*Agħżel mistoqsija **waħda**:*

(a) It-trasferiment metaforiku u dak metonimiku juru qabża fit-tibdil tas-sens ta' kelma. Iddiskuti b'eżempji mill-ilsien Malti.

(b) Il-Malti hu lsien imħallat għax xorob minn diversi għejun lingwistiċi li ntgħaġnu lkoll flimkien matul sekli sħaħ. Iddiskuti b'eżempji xierqa.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-MSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 5 ta' Settembru 2012 |
| **HIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12:00 p.m. |

**Trid titwieġeb kull taqsima.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
### Il-Poeżija tas-Seklu XX
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Fir-relazzjonijiet umani nsibu diversi aspetti fosthom l-imħabba, iċ-ċaħda tal-imħabba, il-ħniena, l-għira, il-mibegħda, it-tolleranza, in-nuqqas ta' tolleranza u l-indifferenza. Iddiskuti, b'referenza għal diversi poeżiji li studjajt fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija,* xi wħud minn dawn l-aspetti.

b. Ikkummenta kif diversi poeti Maltin juru l-apprezzament tagħhom lejn il-pajsaġġ lokali.

## TAQSIMA B
### Monografiji Poetiċi
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. "In-natura, b'dak kollu li jagħmilha, ma tonqosx milli tqanqal emozzjonijiet varji f'Aquilina." Ikkummenta dwar dan u saħħaħ l-argumenti tiegħek b'referenza għal diversi poeżiji li studjajt.

b. Kif iħares lejn il-ħajja l-poeta Pawlu Aquilina? Iddiskuti b'referenza għax-xogħlijiet poetiċi tiegħu fil-monografija ddedikata lilu.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

ċ. Ikkummenta dwar l-emozzjonijiet personali ta' Maria Grech Ganado li wieħed jiltaqa' magħhom fil-poeżiji li hemm miġbura fil-monografija ddedikata lilha.

d. Maria Grech Ganado daqqiet tesprimi stedina emottiva għall-imħabba u daqqiet tistqarr protesta ħarxa kontra l-weġgħat sofruti fl-imħabba. Iddiskuti dan il-kuntrast b'referenzi xierqa għall-poeżiji tagħha.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Poeżija)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta'* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ poeżiji:*

### IŻ-ŻIEMEL TAL-ĦAJJA

Żiemel maħrub iż-Żmien – żiemel bla lġiem;
Riġlejh milwija mtajra mal-irjieħ;
Nifsu tan-nar imħarħar imma sħiħ
Għaddej milbut u mnaffar mingħajr sliem.
Ħadd lewma għal dil-ħarba u la kliem;
Rikkieb fuqu m'għandux; is-sarġ neħħieh.
Widnejh weqfin u donnu mingħajr smigħ.
Tqawqib in-nagħal iħassar kull għeliem.

Żiemel maħrub imnaffar fejn hu sejjer,
Għat-tliegħi u għall-inżul mingħajr waqfien
Lejn l-Għarb fejn tgħib ix-xemx ta' Filgħaxija?
Ma jieqaf qatt. Għalxejn ngħajjat u nxejjer;
Rasu 'l quddiem hu jgħaddi mingħalija
Xewqan li l-Lejl jobormu ġod-dagħbien!

Ġużè Aquilina

**JEW**

### DELLIJIET

Minn baħar deheb maħlul,
Għal sema mnaqqax, u miżgħud bis-sbul
Ta' qamħ misjur,
Ta' rubini
Ta' topazji
U ta' ħaġar kull kulur,
Ix-xemx titla',

Timla l-bjut ta’ djar ir-raħal,
Timla l-knisja u lil kampnarha.
Timla l-għolja, l-ġnien, ix-xagħra
Bit-tlellix ta’ ġmiel ġawharha,
U lit-tifel daqs imnara
B’dirgħajh beraħ miftuħin
Tmiddlu dellu tul ix-xagħra
Twil twil twil fid-dawl ħanin
Bħal salib
Qed iħaddan bogħod u qrib.
Jgħid it-tifel daqs imnara:
“Ara,
Ara naqra kemm jien kbir:
La nkun raġel, x’ser insir!”

Lejn baħar deheb maħlul,
Minn sema mnaqqax u miżgħud bis-sbul
Ta’ qamħ misjur,
Ta’ rubini,
Ta’ topazji
U ta’ ħaġar kull kulur,
Ix-xemx tinżel
Fuq il-baħar,
Fuq ir-raħal,
Fuq il-għolja,
Fuq ix-xagħra;
U bis-sengħa ta’ saħħara
Timla d-dinja ġmiel madwarha;
U b’subgħajn imdiehba, ssib
Raġel sieket quddiem qabar u salib.
U fid-dawl maħnuq, inin,
Qalb ir-raġel ħarġet karba
Għax kien ftakar f’meta, darba,
Waħdu waħdu f’nofs ta’ xagħra
Tfajjel ċkejken daqs imnara,
Ra lil dellu, twil u kbir
U kien staqsa: “La nkun raġel
X’ser insir?”

Issa, mgħobbi snin, għajjien,
Ra li dellu għab, għax kien
Sar dell wieħed mad-dell ġwejjed
Tas-salib;
Kien ixxejjen biex jiżżejjen
B’dik is-sura ta’ min kien l-ewwel ħabib,
L-aħħar ħabib.

Ġorġ Zammit

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 6 ta' Settembru 2012 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12:00 p.m. |

**Trid titwieġeb kull taqsima.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Alfred Sant jagħti importanza ewlenija lill-aspett politiku tal-ħajja. Iddiskuti dan il-punt f'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta.*

b. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* Alfred Sant jippreżenta għadd ta' karattri li jvarjaw ħafna minn xulxin. Iddiskuti.

ċ. *Menz* huwa dramm li fih Francis Ebejer jistħarreġ ir-rabta u l-kunflitt bejn l-individwu u s-soċjetà. Iddiskuti.

d. Francis Ebejer jibni d-dramm *Menz* fuq l-isfida li għandu l-bniedem biex jieħu deċiżjonijiet li huma ħielsa kif ukoll moralment tajbin. Iddiskuti.

## TAQSIMA B
## In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Lino Spiteri jippreżenta għażla ta' karattri differenti li lkoll flimkien isawru ambjent soċjali. Iddiskuti din id-diversità f'*Ħala taż-Żgħożija.*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

b. F'*Ħala taż-Żgħożija* Lino Spiteri jitfa' dawl fuq għadd ta' nuqqasijiet fis-soċjetà Maltija. Iddiskuti.

ċ. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer hu espressjoni tal-mixja ta' karattru ewlieni lejn Alla. Iddiskuti r-rumanz bħala esperjenza reliġjuża ta' Leli.

d. Ġużè Ellul Mercer jinqeda bir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* biex, fost ħwejjeġ oħra, juri kemm l-edukazzjoni hi importanti, il-muftieħ ta' kull progress. Iddiskuti.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Proża)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta'* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża:*

### (a) Deċiżjoni tajba titlob iż-żmien

Ħajjet il-bniedem hija sensiela sħiħa ta' għażliet, katina twila ta' deċiżjonijiet waħda f'waħda, il-biċċa l-kbira minnhom deċiżjonijiet ħfief, jekk mhux ukoll frivoli, imma biċċiet minnhom ta' natura serja. Bosta drabi lkoll kemm aħna niddeċiedu f'ħakka t'għajn, fuq l-impuls tal-mument. Ngħid għalija, waħda mid-deċiżjonijiet ħfief neħodha, għodu għodu, meta qabel ma toħroġ għax-xirja, il-mara tistaqsini x'se nieklu. Imma, meta tiġi għas-serjetà, ngħidu aħna, x'karriera se taqbad, jew titlaqx l-impjieg li għandek għax twebbilt li temigra, trid taħsibha u terġa' taħsibha. Deċiżjoni serja, jekk ma tinzertax f'emerġenza, ma tridx teħodha fis-saħna tal-mument, bir-rabja tixgħel ġo fik, jew meta tħossok għajjien, moħħok imħawwad jew qalbek muġugħa. Trid tirrifletti u tiżen kollox bil-kalma, u jekk ikun hemm bżonn, titlob parir mingħand persuna tal-esperjenza, u tal-affari tagħha. Jekk ma tgħaġġilx, iż-żmien ukoll jista' jagħtik parir.

Kien jgħid in-nannu: "Qis mitt darba u aqta' darba." Trid tifhimha darba għal dejjem li deċiżjoni waħda ħażina taf tħalli warajha effetti ħżiena li jdumu jkarkru s-snin; tista' tbati int biss jew x'aktarx ibatu miegħek oħrajn. Imma mbagħad ma tridx tmur fl-estrem l-ieħor u ddum taħsibha eternità. Meta tibqa' fid-dell tal-biża', ittella' u tniżżel, ma tafx fejn int, id-dubju jibda jifnik.

Xi kultant tiddeċiedi u bilkemm ikun sebaħ l-għada meta ssib li tkun ħadt falza stikka. Jiżbalja kulħadd, anki dak li jorbot idejh u ma jasal għal ebda deċiżjoni; forsi l-iżball ta' dal-proxxmu jpatti iktar qares għalih. Xi drabi ssib ruħek f'dilemma, u tiġi dahrek mal-ħajt: ikollok tagħżel bejn żewġ triqat li ebda waħda minnhom ma tkun togħġbok; taqta' minn fejn taqta', se joħroġ id-demm. Drabi oħra tibża' tiddeċiedi għax tkun qed tissogra, u r-riskju, ftit jew wisq, jibża' minnu kulħadd.

(minn *Żmien il-Ħsad* ta' George N. Cassar)

**JEW**

## (b) Sa fl-aħħar waslu l-vaganzi

“Sa fl-aħħar waslu l-vaganzi tas-sajf,” qal Ray wara nifs twil u titwiba lil ħutu, hekk kif kien qiegħed iferra’ ftit luminata kiesħa f’tazza kbira.

U tabilħaqq kienu għaddew dawk il-jiem tqal tal-eżamijiet u l-iljieli mimlija studju li kienu jħarbtu sew iż-żminijiet tal-ħolm tal-aħwa – żminijiet li kienu ser jibdew proprju f’dik il-għodwa. L-aqwa li issa x-xemx titla’ filgħodu u tinżel, wara li jkunu saru ħomor nar qishom gambli. L-aqwa li issa jiddevertu u jagħmlu l-aktar possibbli biex jieħdu pjaċir. L-importanti li jagħmlu kompetizzjonijiet ta’ min kien ser jiekol l-aktar ġelati, jgħum l-aktar u jinkewa l-aktar taħt ir-raġġi kiefra tax-xemx sajfija.

“Iva,” wieġbu Mark, “u nispera li jkun sajf isbaħ minn tas-sena l-oħra, għax afli ma tantx kien spiċċa tajjeb.” Mark kien ġuvnott ta’ erbatax-il sena. Kien bniedem ġeneruż, fabbli u mqarqaċ sew. Kien maħbub ħafna l-iskola għaliex, minbarra li kien qalbu tajba, ferrieħi u intelliġenti kien iħobb jitħallat u jitkellem ma’ kulħadd. Biss, meta jasal is-sajf, oħroġ il-għaġeb, kien jitqarqaċ iżjed.

Mark kien il-fustani ta’ Elizabeth u Anthony. Elizabeth kienet taħdem bħala skrivana l-bank, u missieru kien jaħdem ġo fabbrika tal-ħadid. Kienu ġenituri ħabrieka ħafna u kienu jaħdmu bis-sħiħ biex jaraw lil uliedhom fl-aqwa skejjel u neqsin minn xejn. Minbarra lil Mark kellhom lill-kbir, Ray, ġuvni ta’ sittax-il sena, li ma kienx jagħmel għajb fil-qilla lil ħuh. Kien ġuvni tajjeb ħafna u avventuruż. Kien qiegħed jaspira biex jilħaq tabib. Kellu ħafna kollezzjonijiet ta’ apparat li jużaw it-tobba, u l-ġenituri tiegħu mhux l-ewwel darba li f’xi okkażjoni xtrawlu xi kimiċi biex ikun jista’ jesperimenta u jħallat.

(minn *Il-Fanal tas-Sinjur* ta’ Ivan De Battista)